MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 658/2004

**Avviz numru  658/04DM**

**Carmelo Grech (ID 182265(M)) u Mary Grace (ID 221772(M)) konjugi Grech**

**Vs**

**Mario Cardona (ID 645861(M))**

**Il-Qorti,**
Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) rappresentanti hlas minnu dovut lill-atturi in konnessjoni ma' xoljiment ta' negozju , u minnu mhallsa permezz ta' zewg cekkijiet tal-Bank of Valletta, numri tlieta u sittin (63) u hamsa u sittin (65), (Dok A) illi meta gew ippresentati ghall-hlas ma gewx onorati.

Bl-ispejjez tal-prezenti, u bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju, 2004, sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru, 2004.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament lill-attur Carmelo Grech u rat ukoll l-original tac-cekkijiet in kwistjoni esebiti u mmarkati dokument 'CG1' u 'CG2'.

Il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Lulju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------